

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1377**tal-4 ta' Awwissu 2022****li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE ta' Franza***(notifikata bid-dokument C(2022) 5507)***(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi ⁽¹⁾ li tinxtered, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-Istati Membri, jew il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom (il-pajjiżi jew ir-reġjuni) iridu jiġu kklassifikati skont l-istatus tagħhom tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) f'waħda minn tliet kategoriji kif ġej: riskju negliġibbli ta' BSE, riskju kkontrollat ta' BSE, u riskju indeterminat ta' BSE.
- (2) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li jekk l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) tqiegħed pajjiż applikant f'waħda mit-tliet kategoriji tal-BSE, tista' tiġi deċiża valutazzjoni mill-ġdid tal-kategorizzazzjoni tal-BSE fil-livell tal-Unjoni.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ⁽²⁾ telenka l-istatus tal-BSE ta' pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tal-BSE tagħhom fil-Parti A, B jew C tal-Anness ta' dak l-att. Il-pajjiżi jew ir-reġjuni elenkati fil-Parti A ta' dak l-Anness jitqiesu li għandhom riskju negliġibbli ta' BSE, dawk elenkati fil-Parti B tiegħu jitqiesu li għandhom riskju kkontrollat ta' BSE, filwaqt li l-Parti C ta' dak l-Anness tipprovdi li pajjiżi jew reġjuni mhux elenkati fil-Parti A jew B jridu jitqiesu li għandhom riskju indeterminat ta' BSE.
- (4) Bħalissa Franza taqa' fil-Parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE taħt pajjiżi jew reġjuni b'riskju ikkontrollat ta' BSE.
- (5) Fl-24 ta' Mejju 2022, l-Assemblea Dinjija tal-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 15 dwar "ir-Rikonoxximent tal-Istatus ta' Riskju tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Membri" ⁽³⁾, bil-għan ta' dħul fis-seħħ fis-27 ta' Mejju 2022 Dik ir-Riżoluzzjoni rikonoxxiet lil Franza bħala li għandha riskju negliġibbli ta' BSE, f'konformità mal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE. Wara valutazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li tirriżulta minn dik ir-Riżoluzzjoni tal-OIE Nu 15, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istatus ta' BSE OIE ġdid ta' Franza jenħtieġ li jiġi rifless fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE.
- (6) Għaldaqstant il-lista tal-pajjiżi jew ir-reġjuni fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jenħtieġ li tiġi emendata b'tali mod li Franza tiġi elenkata fil-Parti A tal-Anness taħt il-pajjiżi jew ir-reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE.
- (7) Għalhekk jinħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabblixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

⁽³⁾ <https://www.woah.org/app/uploads/2022/05/a-r15-2022-bse-final-1.pdf>

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNEX

LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI**A. Il-pajjiżi jew ir-reġjuni b'riskju negliġibbli tal-BSE***Stati Membri*

- Il-Belġju
- Il-Bulgarija
- Iċ-Ċekja
- Id-Danimarka
- Il-Ġermanja
- L-Estonja
- L-Irlanda
- Spanja
- Franza
- Il-Kroazja
- L-Italja
- Ċipru
- Il-Latvja
- Il-Litwanja
- Il-Lussemburgu
- L-Ungerija
- Malta
- In-Netherlands
- L-Awstrija
- Il-Polonja
- Il-Portugall
- Ir-Rumanija
- Is-Slovenja
- Is-Slovakkja
- Il-Finlandja
- L-Iżvezja

Reġjuni tal-Istati Membri ()*

- L-Irlanda ta' Fuq

Pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

- L-Iżlanda
- Il-Liechtenstein
- In-Norveġja
- L-Iżvizzera

Pajjiżi terzi

- L-Arġentina
- L-Awstralja
- Il-Brażil
- Il-Kanada
- Iċ-Ċili
- Il-Kolombja
- Il-Costa Rica
- L-Indja
- Iżrael
- Il-Ġappun
- Jersey
- In-Namibja
- New Zealand
- Il-Panama
- Il-Paragwaj
- Il-Perù
- Is-Serbja (**)
- Singapore
- L-Istati Uniti
- L-Urugwaj

B. Il-Pajjiżi jew reġjuni b'riskju tal-BSE kkontrollat*Stati Membri*

- Il-Greċja

Il-pajjiżi terzi

- Il-Messiku
- In-Nikaragwa
- Il-Korea t'Isfel
- It-Tajwan
- Ir-Renju Unit bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq

C. Il-pajjiżi jew reġjuni b'riskju indeterminat ta'BSE

- Il-pajjiżi jew ir-reġjuni li mhumiex elenkati fil-Partijiet A jew B..

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskopijiet ta' dan l-Anness kwalunkwe referenza għall-Istati Membri tinkludi r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

(**) Kif imsemmi fl-Artikolu 135 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 16).."